

[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Sib Professjonist Legali](#) > [Tipi Ta' Professjonijiet Legali](#) > Romania

Tipi ta' professjonijiet legali

Il-kontenut ipprovdut
minn
Rumanija

Rumanija



Din it-taqsimha tagħti ħarsa ġenerali lejn il-professjonijiet legali fir-Rumanija.

Professjonijiet legali - Introduzzjoni

Il-professjonijiet legali li ġejjin huma pprattikati fir-Rumanija:

- [Prosekuturi](#)
- [Imħallfin](#)
- [Avukati](#)
- [Konsulenti legali](#)
- [Nutara pubbliċi](#)
- [Bailiffs](#)
- [Skrivani tal-qorti](#)
- [Assistenti tal-ġustizzja](#)
- [Assistenti maġistrati](#)

Prosekuturi

Organizzazzjoni

L-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Rumani jinkludi:

- uffiċċji tal-prosekutur marbuta ma' qorti tal-appell, tribunali, tribunali tat-tfal u tal-familja, u qorti distrettwali;
 - uffiċċji tal-prosekutur marbuta ma' qorti militari.
1. Il-korp suprem huwa l-Uffiċċju tal-Prosekutur marbut mal-Qorti Għolja tal-Kassazzjoni u l-Ġustizzja, inklużi d-diviżjonijiet speċjalizzati tagħha (id-Direttorat Nazzjonali Kontra l-Korruzzjoni (DNA) u d-Direttorat għall-Investigazzjoni tal-Kriminalità Organizzata u t-Terroriżmu (DIICOT)).
 2. L-ewwel livell: l-uffiċċji tal-prosekutur marbuta mal-qorti distrettwali (176)
 3. It-tieni livell: l-uffiċċji tal-prosekutur marbuta mat-tribunali (42) u mat-Tribunal tat-Tfal u l-Familja (1)
 4. It-tielet livell: l-uffiċċji tal-prosekutur marbuta mal-qorti tal-appell (15).

Il-Kunsill Superjuri tal-Maġistrati (CSM) huwa l-korp ċentrali responsabbli fis-sistema ġudizzjarja biex jirregola l-professjoni ta' prosekutur. Taħriġ professjonali inizjali u ulterjuri għall-imħallfin u l-prosekuturi huwa pprovdut mill-Istitut Nazzjonali tal-Maġistrati (INM), li huwa korp pubbliku b'personalità ġuridika taħt il-koordinazzjoni tas-CSM. L-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku jwettaq il-kompiti tiegħu permezz ta' prosekuturi li jaħdmu fl-uffiċċji tal-prosekutur. Dan tal-aħħar jinstab marbut mal-qorti kollha, bl-eċċezzjoni ta' tribunali ta' kondotta professjonali.

Proċeduri kriminali mmexxija mill-uffiċċji tal-prosekutur marbuta ma' qorti tal-appell, tribunali, jew tribunali tat-tfal u l-familja.

Il-ġerarkija istituzzjonali tal-uffiċċji tal-prosekutur hija kif ġej:

1. L-oġġla korp huwa l-Uffiċċju tal-Prosekutur marbut mal-Qorti Għolja tal-Kassazzjoni u l-Ġustizzja (Uffiċċju tal-Prosekutur Ġenerali), immexxi mill-Prosekutur Ġenerali tar-Rumanija. Dan il-korp jikkoordina l-attivitajiet tal-uffiċċji tal-prosekutur marbuta mal-15-il qorti tal-appell.
2. L-uffiċċji tal-prosekutur marbuta mal-qorti tal-appell jikkoordinaw l-attivitajiet tal-uffiċċji tal-prosekutur marbuta mat-43 tribunali (inkluż it-tribunali speċjali għat-tfal u għall-kwistjonijiet tal-familja). Kull wieħed minnhom huwa amministrat minn kap prosekutur.
3. L-uffiċċji tal-prosekuturi marbuta mat-tribunali jikkoordinaw l-attivitajiet tal-uffiċċji marbuta mal-176 qorti distrettwali li jiffunzjonaw, li kull wieħed minnhom huwa mmexxi mill-ewwel prosekutur.
4. L-uffiċċji tal-prosekuturi marbuta mal-176 qorti distrettwali li jiffunzjonaw jirrappreżentaw l-ewwel livell (l-iktar baxx) tal-ġerarkija u huma mmexxija mill-ewwel prosekuturi.

Żewġ strutturi speċjalizzati separati joperaw fl-Uffiċċju tal-Prosekutur marbut mal-Qorti Għolja tal-Kassazzjoni u l-Ġustizzja. Dawn huma:

- Id-Direttorat Nazzjonali Kontra l-Korruzzjoni (DNA), responsabbli għall-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni tal-korruzzjoni. Dan huwa mmexxi minn kap prosekutur.
- Id-Direttorat għall-Investigazzjoni tal-Kriminalità Organizzata u t-Terroriżmu (DIICOT), responsabbli għall-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni tal-kriminalità organizzata u t-terroriżmu. Dan huwa mmexxi minn kap prosekutur li jaġixxi taħt il-koordinazzjoni tal-Prosekutur Ġenerali tar-Rumanija.

Proċedimenti kriminali mmexxija mill-uffiċċji tal-prosekutur marbuta ma' qorti militari

Il-proċedimenti kriminali għal reati kriminali mwettqa minn persunal militari jitwettqu minn uffiċċji tal-prosekutur militari, li għandhom l-istatus legali ta' entitajiet militari. Dawn huma marbuta ma' tribunali militari, it-Tribunal Militari ta' Bukarest jew il-Qorti Militari tal-Appell ta' Bukarest.

Ġerarkija funzjonali tal-prosekuturi

Il-prosekuturi jaġixxu f'konformità mal-prinċipji tal-legalità, l-imparzjalità u l-kontroll ġerarkiku.

Huma jaġixxu skont il-liġi, biex josservaw u jipproteġu d-dinjità tal-bniedem, u jiddefendu d-drittijiet tal-individwi.

Il-prosekuturi f'kull uffiċċju tal-prosekutur jirrapportaw lill-kap ta' dak l-uffiċċju, li min-naħa tiegħu jirrapporta lill-kap tal-uffiċċju tal-prosekutur li huwa ġerarkikament superjuri.

Il-kontroll li għandu jiġi eżerċitat mill-Prosekutur Ġenerali tal-Uffiċċju tal-Prosekutur marbut mal-Qorti Għolja tal-Kassazzjoni u l-Ġustizzja, il-kap prosekutur tad-Direttorat Nazzjonali Kontra l-Korruzzjoni u l-kap prosekutur tal-uffiċċju tal-prosekutur marbut mal-qorti tal-appell fuq prosekuturi taħt l-awtorità tagħhom jista' jitwettaq jew direttament jew permezz ta' prosekuturi maħtura.

Rwol u dmirijiet

Hemm żewġ kategoriji ta' prosekutur fir-Rumanija:

1. prosekuturi ċivili, responsabbli għall-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati kriminali mwettqa minn persuni ċivili;
2. prosekuturi militari, responsabbli għall-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati kriminali mwettqa prinċipalment minn persunal militari.

Il-kategoriji tal-prosekutur nazzjonali huma kif ġej:

- il-Prosekutur Ġenerali tar-Rumanija (il-kap tal-Uffiċċju tal-Prosekutur marbut mal-Qorti Għolja tal-Kassazzjoni u l-Ġustizzja);
- il-Kap Prosekutur (il-kap tad-DNA u d-DIICOT);
- il-kapijiet prosekuturi (il-kapijiet tal-uffiċċji tal-prosekuturi marbuta mal-qorti tal-appell);
- l-ewwel prosekuturi (il-kapijiet tal-uffiċċji tal-prosekuturi marbuta ma' tribunali jew qorti distrettwali);
- il-kapijiet ta' sezzjoni (il-kapijiet ta' sezzjonijiet interni tal-uffiċċji tal-prosekutur);
- il-kapijiet ta' dipartiment (il-kapijiet ta' dipartimenti interni tal-uffiċċji tal-prosekutur);
- il-kapijiet ta' uffiċċju (il-kapijiet ta' uffiċċji interni tal-uffiċċji tal-prosekutur);
- prosekuturi.

Kull meta jitqies li jkun meħtieġ, *ex officio* jew fuq talba tas-CSM, il-Ministru għall-Ġustizzja jista' jeżerċita kontroll fuq il-prosekuturi permezz ta' prosekuturi maħtura mill-Prosekutur Ġenerali tar-Rumanija, il-Kap Prosekutur tad-DNA, jew il-Ministru innifsu, sabiex jiġi verifikat dan li ġej:

- l-effiċjenza maniġerjali tal-prosekuturi;
- il-prestazzjoni u t-twettiq tal-kompiti tal-prosekuturi; u
- il-kwalità tar-relazzjonijiet professjonali tal-prosekuturi maċ-ċittadini u ma' persuni oħrajn involuti f'attivitajiet imwettqa mill-uffiċċji tal-prosekutur.

La l-firxa tal-miżuri li l-prosekuturi jistgħu jieħdu matul il-proċedimenti kriminali u lanqas id-deċiżjonijiet korrispondenti ma jiġu vverifikati.

Il-Ministru għall-Ġustizzja jista' jitlob lill-Prosekutur Ġenerali tar-Rumanija jew, fejn xieraq, lill-Kap Prosekutur tad-DNA, biex jirrapporta dwar l-attivitajiet tal-uffiċċji tal-prosekutur u jista' joħroġ struzzjonijiet dwar il-miżuri li għandhom jittieħdu sabiex tiġi evitata u miġġielda l-kriminalità b'mod effettiv.

L-Uffiċċju tal-Prosekutur marbut mal-Qorti Għolja tal-Kassazzjoni u l-Ġustizzja jissottometti rapporti ta' attività annwali lill-Kunsill Superjuri tal-Maġistrati u lill-Ministru għall-Ġustizzja, li min-naħa tagħhom jippreżentaw il-konklużjonijiet tagħhom dwar ir-rapport lill-Parlament Rumun.

Mħallfin

Organizzazzjoni

Il-Kunsill Superjuri tal-Maġistrati (CSM) huwa l-korp ċentrali responsabbli fis-sistema ġudizzjarja biex jirregola l-professjoni ta' mħallf. Taħriġ professjonali inizjali u ulterjuri għall-imħallfin u l-prosekuturi huwa pprovdut mill-[Istitut Nazzjonali tal-Maġistrati \(INM\)](#), li huwa korp pubbliku b'personalità ġuridika taħt il-koordinazzjoni tas-CSM.

Rwol u dmirijiet

L-imħallfin fir-Rumanija jispeċjalizzaw fit-tipi ta' kawżi li ġejjin:

- kawżi ċivili u ta' eżekuzzjoni ċivili;
- kawżi kriminali u ta' eżekuzzjoni ta' sentenzi kriminali;
- kawżi kummerċjali (imħallfin tal-falliment);
- kawżi tal-liġi tal-familja u tat-tfal;
- kawżi amministrattivi u fiskali/finanzjarji;
- kawżi relatati ma' tilwim dwar ix-xogħol u l-assigurazzjoni soċjali;
- kawżi tal-liġi kostituzzjonali;
- kawżi militari.

Organizzazzjoni ta' professjonijiet legali: avukati

Avukati

Il-korp ċentrali responsabbli għall-professjoni tal-avukati huwa l-[Unjoni Nazzjonali Rumena tal-Kmamar tal-Avukati \(UNBR\)](#), li hija persuna ġuridika ta' interess pubbliku li tinkludi l-kmamar tal-avukati kollha fir-Rumanija. Hija tiżgura l-eżerċizzju kkwalifikat tad-dritt tad-difiża, il-kompetenza professjonali u d-dixxiplina, u l-protezzjoni tad-dinjità u l-unur tal-avukati li huma membri tal-unjoni. Il-kmamar tal-avukati kollha fir-Rumanija jappartjenu għall-UNBR.

Bażijiet tad-*data* legali

Informazzjoni dwar avukati Rumeni hija disponibbli fis-sit web tal-[Unjoni Nazzjonali Rumena tal-Kmamar tal-Avukati](#).

L-aċċess għal din il-bażi tad-*data* huwa mingħajr ħlas?

Iva

Konsulenti legali

Skont il-liġi, il-konsulenti legali jistgħu jiffurmaw assoċjazzjonijiet fil-livell tal-kontea skont is-settur jew il-qasam ta' attività u skont l-interessi professjonali tagħhom, jew, fejn applikabbli, assoċjazzjonijiet nazzjonali, soġġetti għal-liġi dwar l-assoċjazzjonijiet u l-fondazzjonijiet. Waħda mill-assoċjazzjonijiet professjonali mwaqqfa skont dik il-liġi hija l-[Ordni Rumena tal-Konsulenti Legali \(OCJR\)](#). Din tinkludi l-assoċjazzjonijiet kollha ta' konsulenti legali fil-kontej kollha. Il-konsulenti legali jistgħu wkoll jiffurmaw assoċjazzjonijiet professjonali oħra. Il-listi tal-konsulenti legali skont il-kontea huma disponibbli fis-siti web individwali tal-assoċjazzjonijiet membri tal-OCJR. (il-links huma disponibbli fis-sit web tal-OCJR)

Nutara pubbliċi

Organizzazzjoni

Skont il-liġi, il-Ministeru għall-Ġustizzja Rumena iddelega l-eżerċizzju tas-servizzi notarili lill-[Unjoni Nazzjonali tan-Nutara Pubbliċi \(UNNP\)](#). L-UNNP hija l-korp professjonali li jirrappreżenta n-nutara pubbliċi, responsabbli biex jorganizza l-professjoni, jiddefendi l-interessi tal-membri tiegħu u l-pożizzjoni tal-professjoni. In-nutara kollha huma membri. Huma organizzati fi 15-il Kamra tan-Nutara Pubbliċi, kull waħda marbuta ma' qorti tal-appell.

Rwol u dmirijiet

Fir-Rumanija, in-nutara pubbliċi jipprovdu s-servizzi legali li ġejjin:

- it-tfassil tad-dokumenti meħtieġa għas-suċċessjoni legali u testamentarja;
- il-konklużjoni ta' kuntratti (kuntratti ta' bejgħ, kuntratti ta' permuta, kuntratti ta' manteniment, kuntratti ta' donazzjoni, kuntratti ta' self b'ipoteka, kuntratti ta' pleġġ, kuntratti ta' kiri, kuntratti ta' lokazzjoni) u atti oħra (garanziji mitluba minn diversi istituzzjonijiet mill-amministraturi tagħhom);
- it-tfassil ta' statuti ta' assoċjazzjoni għal kumpaniji, assoċjazzjonijiet u fondazzjonijiet;
- l-awtentikazzjoni ta' dokumenti;
- iċ-ċertifikazzjoni ta' firem, kampjuni ta' firem u siġilli;
- kwalunkwe servizz ieħor previst mil-liġi.

Professjonijiet ġuridiċi oħra

Bailiffs

L-Unjoni Nazzjonali Rumena tal-Bailiffs (UNEJ) hija korp professjonali b'personalità ġuridika li tinkludi lill-bailiffs kollha. L-UNEJ hija responsabbli għall-preżervazzjoni tal-pożizzjoni u l-awtorità tal-professjoni, u l-missjoni ewlenija tagħha hija li tirrappreżenta u tiddefendi l-interessi professjonali tal-membri tagħha. Il-bailiffs huma organizzati fi 15-il kamra, kull waħda marbuta mal-qorti tal-appell rilevanti.

[Is-sit web tal-UNEJ](#) fih lista tal-bailiffs,

Skrivani tal-qorti

Il-Kunsill Superjuri tal-Maġistrati (CSM) huwa l-korp ċentrali responsabbli fis-sistema ġudizzjarja biex jirregola l-iskrivani tal-qorti.

L-Iskola Nazzjonali tal-Iskrivani tal-Qorti (SNG) hija korp pubbliku b'personalità ġuridika, taħt il-koordinazzjoni tal-Kunsill Superjuri tal-Maġistrati, responsabbli biex tipprovdi taħriġ professjonali inizjali u ulterjuri għall-iskrivani tal-qorti.

Is-sistema ġudizzjarja Rumena għandha diversi kategoriji ta' skrivani tal-qorti:

- skrivani tas-seduti;
- skrivani tal-istatistika;
- skrivani tar-riċerka;

- skrivani tal-IT;
- skrivani tal-arkivji;
- skrivani tar-reġistru.

Tista' ssib aktar informazzjoni dwar din il-professjoni f'dan [id-dokument](#)  (354 Kb) .

Assistenti ġudizzjarji

Dawn jiffurmaw parti mill-bord tal-imħallfin fl-ewwel kawżi li jinvolvu tilwim dwar ix-xogħol u l-assigurazzjoni soċjali.

Huma jieħdu sehem fid-deliberazzjonijiet b'vot konsultattiv u jiffirmaw is-sentenzi, l-opinjoni tagħhom hija rreġistrata fis-sentenza, u jagħtu raġunijiet għal opinjonijiet kuntrarji. Meta l-panel jinkludi assistenti ġudizzjarji, il-president jista' jinkariga lil wieħed minnhom bi-editjar tas-sentenza.

L-assistenti ġudizzjarji huma nominati mill-Ministeru għall-Ġustizzja u proposti mill-Kunsill Ekonomiku u Soċjali għal perjodu ta' tliet snin; iridu jkunu okkupaw pożizzjoni legali għal mill-inqas dak il-perjodu u jridu jissodisfaw il-kondizzjonijiet kollha stabbiliti mil-liġi.

Matul il-mandat tagħhom l-assistenti ġudizzjarji jgawdu stabbiltà, huma soġġetti biss għal-liġi, jieħdu l-ġurament preskritt bil-liġi għall-imħallfin, u d-dispożizzjonijiet legali dwar l-obbligi, il-projbizzjonijiet, l-inkompatibilitajiet, l-eċċezzjonijiet, is-sanzjonijiet dixxiplinarji u r-raġunijiet għat-tneħħija mill-kariga li japplikaw għall-imħallfin u l-prosekuturi japplikaw għalihom ukoll.

L-għadd totali ta' karigi ta' assistenti ġudizzjarji u l-allokazzjoni tagħhom fil-qrati, skont il-volum ta' xogħol, huwa stabbilit b'ordni tal-Ministeru għall-Ġustizzja.

Il-kundizzjonijiet, l-għażla u l-proċedura tal-proposta mill-Kunsill Ekonomiku u Soċjali tal-kandidati għan-nomina bħala assistenti ġudizzjarji mill-Ministeru għall-Ġustizzja, kif ukoll il-kundizzjonijiet għad-delegazzjoni, id-distakkament u l-trasferiment tagħhom, huma stabbiliti b'deċiżjoni tal-gvern.

Assistenti maġistrati

Il-Qorti Għolja tal-Kassazzjoni u l-Ġustizzja tħaddan tim ta' assistenti maġistrati li jieħdu sehem fis-seduti tagħha.

Id-dmirijiet tal-assistenti maġistrati jinkludu:

- li jiżguraw li l-iskrivani tas-seduti u tal-arkivji jagħmlu dak kollu meħtieġ għat-tmexxija bla xkiel tas-seduti, billi jiggwidaw ix-xogħol tal-iskrivan tas-seduti;
- li jippreparaw ċerti rapporti matul il-proċedimenti (dwar l-ammissibilità fil-prinċipju tal-appell u dwar l-applikazzjoni għall-appell fil-kassazzjoni);
- li jirrekordjaw, għal kull fajl, is-sottomissjonijiet orali tal-partijiet u tal-prosekuzzjoni, u l-miżuri ordnati mill-qorti;
- li jabbozzaw ir-rekords, ħliet għal dawk tas-smiġħ;
- li jieħdu sehem fid-deliberazzjonijiet b'vot konsultattiv;
- li jabbozzaw is-sentenzi skont l-allokazzjoni tal-president tal-panel, il-konformità mal-iskadenzi legali, eċċ.

Għal deskrizzjoni dettaljata tax-xogħol tal-assistenti maġistrati, ikkonsulta dan [id-dokument](#)  (126 Kb) .

 L-aħħar aġġornament: 10/01/2022

Il-verżjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.